C/2024/7564

31.12.2024

Divulgazzjoni tal-partijiet materjali tad-deċiżjoni dwar il-falliment u d-dikjarazzjoni ta' insolvenza fir-rigward tal-assi ta' *WPB Capital, spořitelní družstvo v likvidaci* [WPB Capital, unjoni tal-kreditu f'likwidazzjoni] skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

(C/2024/7564)

Výzva k přihlášení pohledávky. Dodržte lhůty!

Výzva k předložení námitek ohledně pohledávky. Dodržte lhůty!

Invitation to lodge a claim. Time limits to be observed.

Invitation to oppose a claim. Time limits to be observed.

Покана за предявяване на вземания. Срокове, които трябва да бъдат спазени.

Покана за подаване на възражения по вземания. Срокове, които трябва да бъдат спазени.

Convocatoria para la presentación de créditos. ¡Plazos imperativos!

Convocatoria para la presentación de observaciones sobre créditos. ¡Plazos imperativos!

Cuireadh chun éileamh a thaisceadh. Teorainneacha ama a bheidh le tabhairt faoi deara.

Cuireadh chun tuairimí a bhaineann le héileamh a chur isteach. Teorainneacha ama a bheidh le tabhairt faoi deara.

Opfordring til anmeldelse af fordringer. Angivne frister skal overholdes.

Opfordring til at indgive bemærkninger til en fordring. Angivne frister skal overholdes.

Aufforderung zur Anmeldung einer Forderung. Fristen beachten!

Aufforderung zur Erläuterung einer Forderung. Fristen beachten!

Kutse nõude esitamiseks. Kehtestatud tähtaegadest tuleb kinni pidada.

Kutse nõude vaidlustamiseks. Kehtestatud tähtaegadest tuleb kinni pidada.

Πρόσκληση για αναγγελία απαιτήσεως. Τηρητέες προθεσμίες.

Πρόσκληση υποβολής παρατηρήσεων για απαίτηση. Τηρητέες προθεσμίες.

Invitation à produire une créance. Délais à respecter!

Invitation à présenter les observations relatives à une créance. Délais à respecter!

Poziv na prijavu tražbine. Rokovi kojih se treba pridržavati.

Poziv na osporavanje tražbine. Rokovi kojih se treba pridržavati.

Invito all'insinuazione di un credito. Termini da osservare.

Invito all'insinuazione di un credito. Termini da osservare.

Uzaicinājums iesniegt prasījumu. Termiņš, kas jāievēro.

Uzaicinājums apstrīdēt prasījumu. Termiņš, kas jāievēro.

Siūlymas pateikti reikalavimą. Reikalavimo pateikimo terminai.

Kvietimas prieštarauti reikalavimui. Prieštaravimo pateikimo terminai.

Felhívás követelés benyújtására. Betartandó határidők.

Felhívás követelés megtámadására. Betartandó határidők.

Stedina għal preżentazzjoni ta' talba. Termini li għandhom ikunu osservati.

Stedina għal oppożizzjoni ta' talba. Termini li għandhom ikunu osservati.

Oproep tot indiening van schuldvorderingen. Let u op de termijn!

Oproep tot het maken van opmerkingen bij schuldvorderingen. Let u op de termijn!

Zaproszenie do wniesienia roszczenia. Obowiązują limity czasowe.

Zaproszenie do zgłaszania uwag dotyczących roszczeń. Obowiązują limity czasowe.

Aviso de reclamação de créditos. Prazos legais a observar!

Aviso de oposição a uma reclamação de créditos. Prazos legais a observar!

Invitație de a prezenta o creanță. Termenele trebuie respectate.

Invitație de a se opune unei creanțe. Termenele trebuie respectate.

Výzva na prihlásenie pohľadávky. Dodržte lehoty!

Výzva na predloženie námietok k pohľadávke. Dodržte lehoty!

Vabilo k prijavi terjatve. Roki, ki jih je treba spoštovati.

Vabilo k zavrnitvi terjatve. Roki, ki jih je treba spoštovati.

Kehotus saatavan ilmoittamiseen. Noudatettavat määräajat.

Kehotus esittää saatavaa koskevia huomautuksia. Noudatettavat määräajat.

Anmodan att anmäla fordran. Tidsfrister.

Anmodan att motsätta sig en fordran. Tidsfrister.

Oppfordring til påmelding av en fordring. Tidsfristene skal overholdes!

Oppfordring til å legge frem innvendinger m.h.t. fordringen. Tidsfristene skal overholdes!

Boð um að leggja fram kröfur. Öllum ber að virða tímamörk!

Boð um að andmæla kröfum. Öllum ber að virða tímamörk!

Identifikazzjoni tad-debitur: ***WPB Capital, spořitelní družstvo v likvidaci*** [WPB Capital, unjoni tal-kreditu f'likwidazzjoni], unjoni tal-kreditu inkorporata u li teżisti taħt il-liġi Ċeka, li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha li huwa Kamenná 835/13, 639 00 Brno, ir-Repubblika Ċekja, Nru tal-ID: 257 80 450, imdaħħla fir-reġistru kummerċjali miżmum mill-Qorti Reġjonali ta' Brno, is-Sezzjoni Dr, l-entrata 5441.

Identifikazzjoni tal-qorti tal-insolvenza: Il-Qorti Reġjonali ta' Brno, li għandha l-indirizz irreġistrat tagħha li huwa Rooseveltova 648/16, 602 00 Brno, ir-Repubblika Ċeka.

Identifikazzjoni tal-likwidatur: Jiřina Lužová, avukat, li għandha l-indirizz irreġistrat tagħha li huwa Dušní 866/22, 110 00 Praga 1, ir-Repubblika Ċeka, Nru tal-ID: 44686650, email: ak@akluzova.cz, numru tat-telefown +420 222327902.

Fit-30 ta' Ottubru 2024, il-Qorti Reġjonali ta' Brno ħarġet id-deċiżjoni Nru KSBR 45 INS 4030/2024-A-35, li, fost affarijiet oħra, f'konformità mal-liġi Ċeka (l-Att Nru 182/2006 dwar il-falliment u l-proċeduri għall-immaniġġjar tiegħu (l-**Att dwar l-Insolvenza**), kif emendat):

a) iddikjarat fallut lid-debitur *WPB Capital, spořitelní družstvo v likvidaci,* unjoni tal-kreditu inkorporata u li teżisti taħt il-liġi Ċeka, li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha li huwa Kamenná 835/13, 639 00 Brno, ir-Repubblika Ċeka, Nru tal-ID: 257 80 450, imdaħħla fir-reġistru kummerċjali miżmum mill-Qorti Reġjonali ta' Brno, is-Sezzjoni Dr, l-entrata 5441 (id-"**Debitur**"); u

b) ddikjarat l-insolvenza fir-rigward tal-assi tad-Debitur (id-"**Deċiżjoni**").

Id-Deċiżjoni appuntat ukoll lil Jiřina Lužová, avukat, li għandha l-indirizz irreġistrat tagħha li huwa Dušní 866/22, 110 00 Praga 1, ir-Repubblika Ċeka, Nru tal-ID: 446 86 650, bħala likwidatriċi tad-Debitur.

It-talbiet mill-krediturі kif murija fil-kontijiet tad-Debitur għandhom jitqiesu bħala ppreżentati. Il-krediturі se jiġu nnotifikati b'dan il-fatt individwalment fi żmien 60 jum mid-dikjarazzjoni ta' insolvenza. L-iskadenza għal dan għandha tkun it-30 ta' Diċembru 2024.

Kreditur li ma jaqbilx mal-ammont jew man-natura tat-talba kif indikat fin-notifika skont il-paragrafu preċedenti jista' jressaq oġġezzjoni bil-miktub mal-likwidatur fi żmien erba' xhur mid-data tad-dikjarazzjoni ta' insolvenza; in-nuqqas ta' dan għandu jimplika li l-kreditur jaqbel mal-kontenut tan-notifika. L-iskadenza għal dan għandha tkun it-28 ta' Frar 2025. Il-kreditur li għandu l-indirizz irreġistrat, l-uffiċċju, id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea jista', jippreżenta oġġezzjoni bil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat. L-oġġezzjoni trid tkun intitolata "*Podání námitky proti výši pohledávky*" [Oġġezzjoni għall-ammont ta' talba] biċ-Ċek. Jekk il-kontenut tal-oġġezzjoni jkun ċar għal-likwidatur, għandu jeħodha inkunsiderazzjoni, anki jekk ikollha t-titolu nieqes. Il-likwidatur ma għandux ikun obbligat li jieħu inkunsiderazzjoni oġġezzjoni sussegwenti, sakemm ma jkunx ċar li din waslet fi żmien debitu għand l-awtorità responsabbli għan-notifika tagħha. Il-likwidatur jista' jitlob lil kreditur jippreżenta traduzzjoni tal-oġġezzjoni biċ-Ċek.

Fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' din is-silta tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kreditur jista' jippreżenta oġġezzjoni li tindika li ma jkunx irċieva notifika mingħand il-likwidatur skont l-Artikolu 373(2) tal-Att dwar l-Insolvenza. L-oġġezzjoni għandha tiddikjara l-ammont tat-talba vis-à-vis id-Debitur dakinhar tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza fir-rigward tal-assi tad-Debitur. L-oġġezzjoni għandha tkun akkumpanjata minn kopji ċċertifikati uffiċjalment ta' kwalunkwe dokumentazzjoni li tikkonferma l-ammont allegat, id-data tal-bidu u n-natura tat-talba, u b'mod partikolari jekk it-talba hijiex waħda kontra l-patrimonju tal-insolvenza (l-Artikolu 168 tal-Att dwar l-Insolvenza), hijiex ekwivalenti għal waħda kontra l-patrimonju tal-insolvenza (l-Artikolu 169 tal-Att dwar l-Insolvenza), hijiex talba ggarantita minn kollateral, hijiex talba ggarantita mod ieħor, jew hijiex talba sussidjarja (l-Artikolu 172(2) tal-Att dwar l-Insolvenza), u għandha tiddikjara kwalunkwe riżerva ta' titolu. Il-kreditur li għandu l-indirizz irreġistrat, l-uffiċċju, id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea jista', jippreżenta oġġezzjoni bil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat. L-oġġezzjoni trid tkun intitolata "*Přihláška pohledávky*" [Preżentazzjoni tat-talba] biċ-Ċek. Jekk il-kontenut tal-oġġezzjoni jkun ċar għal-likwidatur, għandu jeħodha inkunsiderazzjoni, anki jekk ikollha t-titolu nieqes. Il-likwidatur ma għandux ikun obbligat li jieħu inkunsiderazzjoni oġġezzjoni sussegwenti, sakemm ma jkunx ċar li din waslet fi żmien debitu għand l-awtorità responsabbli għan-notifika tagħha. Il-likwidatur jista' jitlob lil kreditur jippreżenta traduzzjoni tal-oġġezzjoni biċ-Ċek.

Jiřina Lužová, avukat, likwidatriċi ta' *WPB Capital, spořitelní družstvo v likvidaci*